# Minuti

## Seduta Nru. 17/2011

Data: Il-Ġimgħa, 18 ta' Novembru 2011

Ħin: 5:30pm

Post: Kunsill Lokali L-Imsida, Pjazza Menqa Msida

Preżenti:
Mary Rose Mifsud – *Chairperson*
Mario Xuereb - *Membru*
Rudolph Cini – *Membru*
Christopher Galea – *Aġent Segretarju Eżekuttiv*

- Attendiet il-Viċi Sindku tal-Imsida is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai.

- Is-Sur John Mary Zahra (Jimmy) u s-Sinjura Jane (Yvonne) Spiteri kienu skużati;
- Ħadd m'attenda minn naħa tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

## AĠENDA

1. Talba;
2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Pubblika;
4. Punti Mqajma mill-Minuti;
5. Korrispondenza;
6. Kampanja BLS;
7. Komunikazzjoni mill-Membri tal-Kumitat;
8. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson;*
9. Għeluq

## Kontenut

Annex A Minuti 17/2011

Annex B Tabella ta' Deċiżjonijiet li ttieħdu waqt is-seduta li jirrikjedu Azzjoni

Mary Rose Mifsud (*Chairperson*), Jimmy Zahra (Viċi *Chairperson*), Yvonne Spiteri, Mario Xuereb, Rudolph Cini
***Kunsill Lokali Birkirkara***
Ċentru Ċiviku, 2nd Floor, Triq Tumas Fenech, Birkirkara BKR 2527 – TEL: 21442626, FAX: 21442644
***Kunsill Lokali L-Imsida***
Pjazza Menqa, Msida MSD 9090 – TEL: 21334343, FAX: 21342424
***Aġent Segretarju Kumitat Amministrattiv Swatar***
TEL: 22002308, FAX: 22002313, email: christopher.galea@gov.mt

**Minuti 17/2011**

## 1. Talba

**1.1** Il-laqgħa bdiet fil-5:40pm billi ntqalet it-talba miċ-*Chairperson*.

## 2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**2.1** Il-Minuti tas-Seduta 16/2011 li saret nhar il-21 t'Otubru 2011 tqassmu qabel u ttieħdu bħala moqrija. Kien hemm korrezzjonijiet **f'item 6.1.1** fejn minflok il-kliem '*aħjar il-Kumitat isolvi lproblemi li hemm fis-Swatar milli jintefqu flus fuq il-garaxx li mingħajru, xorta ir-residenti jkunu jistgħu jinqdew fiż-żewġ Kunsilli rispettivi*' ddaħħal il-kliem *'l-Kumitat għandu jwettaq proġetti tanġibbli fl-interess tal-komunita' u għalissa mhux il-waqt li jintefqu flus fuq il-garaxx'*. ***F'Item 8.1***, *żdiedu l-kliem 'għax kien sar il-ħin għall-laqgħa pubblika'*. Wara ġew approvati unanimament mill-Kumitat.

## 3. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Pubblika

**3.1** Il-Minuti tal-Laqgħa Pubblika li saret nhar it-21 t'Ottubru 2011 tqassmu qabel u ttieħdu bħala moqrija. Ma kien hemm ebda korrezzjonijiet fil-minuti u ġew approvati unanimament mill-Kumitat.

## 4. Punti mqajma mill-Minuti

**4.1** **Fuq punt 3.1 –** Iċ-*Chairperson* qalet li ser tagħti ċans forsi l-MEPA tirrispondi fuq l-informazzjoni tal-propjetarji fejn hemm is-siti perikolużi iżda jekk jibqgħu ma jibgħatux, ma jkunx hemm triq oħra ħlief li ssejjaħ konferenza stampa.

Siti Perikolużi.

**4.2** **Fuq punt 3.2 –** Is-Sur Mario Xuereb qal li l-kumpanija Arriva qed iduru l-Kunsilli kollha sabiex jieħdu l-ilmenti tagħhom. Il-Kunsill tal-Imsida wkoll bagħat rigward ir-rotta 110 sabiex dan is-servizz jiġi estiż għall-Belt.

Rotot tal-Arriva fis-Swatar

**4.3** **Fuq punt 3.3 –** Iċ-*Chairperson* qalet li l-*isleeping policeman* inqalat minħabba li kien hemm ordni mit-Transport Malta. Fuq parir tal-Avukat il-Kumitat ħa parir tekniku mingħand it-TM rigward l-*isleeping policeman* fejn it-TM ħarġet ordni li din tinqala.

*Sleeping Policeman* fi Triq Indri Grima

4.3.1 Il-Kumitat iddeċieda li ssir applikazzjoni mill-ġdid lit-Transport Malta sabiex fi Triq Indri Grima terġa titwaħħal *isleeping policeman* minħabba is-sewqan eċċessiv li qed ikun hemm f'din it-triq.

**4.4** L-Aġent Segretarju aġġorna lill-Kumitat fuq ix-xogħlijiet li qed isiru fil-playground fejn il-kuntrattur diġa witta l-ground bit-torba u nvella l-art.

*Xogħlijiet fi Triq Il-Balliju ta' Guttenberg, Playing Area, Msida*

**4.5** Il-Kumitat iddiskuta l-minuti tal-laqgħa pubblika fejn iddeċieda li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu azzjoni fuq kull ilment li kien hemm. Il-Kumitat, fuq ilment rigward it-traffic management reġa evalwa l-proposti kollha li kien għamel u ddeċieda li d-dokument, bid-direzzjonijiet tat-traffiku 'l ġodda, għandu jintbagħat lit-TM għal permessi meħtieġa fejn minn naħa tat-TM jivverifikaw kull proposta permezz tal-esperti tagħha.

*Laqgħa Pubblika*

4.5.1 Iċ-*Chairperson* qalet li r-residenti kollha tas-Swatar, permezz ta' fuljett, għandhom jiġu nfurmati rigward il-laqgħa pubblika li saret b'suċċess u jkun hemm sommarju tal-ilmenti li saru mir-residenti. Il-Kumitat qabel.

## 5. Korrispondenza

**5.1** Ma kienx hemm ebda korrispondenza.

## 6. Kampanja BLS

**6.1** Wara diskussjoni, il-Kumitat iddeċieda li ċ-Chairperson u s-Sur Rudolph Cini jiltaqgħu mal-Profs Sultana sabiex jiġu deċiżi d-dati li l-Profs Sultana jkun jista' jagħti l-korsijiet. Wara jinħarġu ċ-ċirkularijiet bid-dati u l-formoli sabiex ir-residenti jkunu jistgħu japplikaw u b'hekk il-Kumitat ikun jaf kemm ser ikun hemm konkorrenza għal dan il-kors.

Kampanja BLS

## 7. Komunikazzjoni mill-Membri tal-Kumitat

**7.1** Is-Sur Mario Xuereb qal li flimkien ma' Fr Gordon u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu ma' rappreżentant tal-Kumpanija Firetech sabiex ikollhom ideja ta' kif jista' jsir il-proġett u jkun hemm sistema ta' parkeġġ ikkontrollat bil-cards. Fl-ispazju li Fr Gordon identifika sabiex ssir din is-sistema joqgħodu madwar 20 karozza u dawn ser ikunu riservati għall-ħaddiema tal-APS. Is-Sur Xuereb żied jgħid li jekk l-istima ma tkunx għolja, hemm il-possibilta' li l-Kumitat ikun jista' jħallas din is-sistema permezz ta' PPP bejn il-Kumitat u l-Knisja u dan sabiex igawdu r-residenti tas-Swatar billi jsibu jipparkjaw.

Problema ta' Parking

**7.2** Il-Viċi Sindku tal-Imsida, is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai qalet li reġgħet ġiet fis-seħħ ir-*residents' parking scheme* fejn issa il-Kunsilli jistgħu japplikaw sabiex dawn isiru fil-lokalitajiet tagħhom.

Residents' Parking Scheme

## 8. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson*

**8.1** Iċ-*Chairperson* qalet li kif il-Kunsill ta' Birkirkara jlestu milli jagħmlu manutenzjoni tal-bankini fil-parti tagħhom ser jirranġaw il-bankini tas-Swatar u jibdew minn Triq Grosseto peress li din it-Triq hi l-iktar waħda li kien hemm ilmenti fuqha u l-iktar waħda li għandha bżonn.

Bankini fis-Swatar

**8.2** Iċ-*Chairperson* qalet li l-wiċċ tat-Triq Maria Alfonso Galea fl-aħħar ser titranġa.

Triq Maria Alfonso Galea

**8.3** Iċ-*Chairperson* qalet li t-Tnejn, 14 ta' Novembru, 2011, marret għal varar tal-Iskema li ħarġet permezz ta' Memo 55/2011 fejn il-Kumitat ġie mgħoti €20,000 li ser jintużaw sabiex jitkompla il-proġett tal-playing field tat-Triq il-Balliju Guttenburg.

Skema Memo 55/2011

**8.4** Iċ-*Chairperson* qalet li dan il-Milied, il-Kumitat għandu jkun parteċipi għal ġbir ta' fondi għal *Community Chest Fund*. Issuġġeriet li l-Kumitat għandu jieħu sehem fil-mixja mal-President tar-Repubbika ta' Malta li ser tiġi organizzata nhar l-4 ta' Diċembru 2011. Għandu jsir avviż waqt il-quddies kif ukoll fin-*notice board* sabiex minn jixtieq jieħu sehem fil-mixja mal-Kumitat għandu japplika individwalment u mbagħad jiltaqa' mal-Kumitat Fluer-de-lys fl-10am fejn imbagħad jibgħu sejrin lejn il-Belt. Il-Kumitat qabel.

Milied – Mixja mal-President ta' Malta

## 9. Għeluq

**9.1** Il-laqgħa spiċċat fis-7pm. Il-Kumitat unanimaent qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar il-Ġimgħa 16 ta' Diċembru 2011, fil-5:30pm ġewwa l-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

_______________________

*Chairperson*, KAS

_______________________

Aġent Segretarju, KAS

_______________________

Data

## Tabella ta' Deċiżjonijiet li jirrikjedu Azzjoni

| Ref. | Suġġett | Deċiżjoni /Azzjoni Meħtieġa | Entita' / Persuna Responsabbli |
|---|---|---|---|
| **4.5** | *Laqgħa Pubblika* | Ir-residenti kollha tas-Swatar, permezz ta' fuljett, għandhom jiġu nfurmati rigward il-laqgħa pubblika li saret b'suċċess u jkun hemm sommarju tal-ilmenti li saru mir-residenti. | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| 4.5.1 | *Laqgħa Pubblika* | Id-dokument, bid-direzzjonijiet tat-traffiku 'l ġodda, għandu jintbagħat lit-TM għal permessi meħtieġa fejn minn naħa tat-TM jivverifikaw kull proposta permezz tal-esperti tagħha. | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **6.1** | *Kampanja BLS* | Iċ-*Chairperson* u s-Sur Rudolph Cini jiltaqgħu mal-Profs Sultana sabiex jiġu deċiżi d-dati li l-Profs Sultana jkun jista' jagħti l-korsijiet. Wara jinħarġu ċ-ċirkularijiet bid-dati u l-formoli sabiex ir-residenti jkunu jistgħu japplikaw u b'hekk il-Kumitat ikun jaf kemm ser ikun hemm konkorrenza għal dan il-kors. | Iċ-*Chairperson* u<br>s-Sur Rudolph Cini |
| **8.4** | Milied – Mixja mal-President tar-Repubblika ta' Malta | Il-Kumitat għandu jieħu sehem fil-mixja mal-President tar-Repubbika ta' Malta li ser tiġi organizzata nhar l-4 ta' Diċembru 2011. Għandu jsir avviż waqt il-quddies kif ukoll fin-*notice board* sabiex minn jixtieq jieħu sehem fil-mixja mal-Kumitat għandu japplika individwalment u mbagħad jiltaqa' mal-Kumitat Fluer-de-lys fl-10am fejn imbagħad jibgħu sejrin lejn il-Belt. | Iċ-*Chairperson u*<br>Aġent Segretarju Eżekuttiv |